# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 8**

**Rikors numru 198/19/3 TA**

**George Degiorgio**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` u b'digriet tal-5 ta' Novembru 2019 ġew ammessi jintervjenu fil-kawża l-Avukat Peter Caruana Galizia u Matthew, Andrew u Paul aħwa Caruana Galizia**

<u>Digriet b'referenza għat-tielet aggravju tal-appell tal-Kap tas-Servizz tas-Sigurta`.</u>

1. It-tielet aggravju tal-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` ('KSS') jinkludi l-ilment li f'dan il-każ m'hemmx ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni għaliex

kien hemm mandat maħruġ mill-Ministru responsabbli taħt Art. 6(2) tal-Kap. 391 u jinsisti li dak kollu li sar kien skont il-liġi.

2. Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, il-KSS iddikjara li l-liġi ma tippermettilux li jippreżenta l-mandat. Fl-ebda stadju waqt il-kawża ma ddikjara li jekk ikun hemm ordni tal-Qorti, jippreżentah. Lanqas ma talab id-direzzjoni tal-Qorti dwar x'għandu jagħmel.

3. F'deċizjoni li tat din il-Qorti fl-20 ta' Lulju, 2020 qalet:

> *"34. Hu fatt li l-intimat qiegħed isostni li l-mandat hu dokument privileġġat u l-liġi ma tippermettilux li jippreżentah. Bil-mod li qegħdin jirraġunaw l-intimati jagħtu wieħed x'jifhem li d-dikjarazzjoni tal-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` li qal li inħareġ mandat mill-Ministru kompetenti, hi prova biżżejjed. Dik hi l-għażla tal-intimati u l-Qorti ma tarax li għandha toqgħod tgħidilhom xi prova għandhom iressqu sabiex tingħata prova li l- interċettazzjonijiet telefoniċi saru skont il-liġi.*
>
> *35. Pero` jibqa' l-fatt li l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` innifsu xehed li inħareġ mandat taħt il-provvedimenti tal-Kap. 391. Dan apparti li Lawrence Cutajar, li meta xehed kien Kummissarju tal-Pulizija, ikkonferma li fis-17 ta' Frar 2017 kien għamel talba lis-Servizz tas-Sigurta` dwar ir-rikorrent (fol. 263 a tergo). Il-Qorti fehmet li t-talba kienet proprju sabiex isiru interċettazzjonijiet. Dwar x'investigazzjoni mhux magħruf.*
>
> *36. Dan ifisser li ġie żvelat mill-intimat innifsu li kien inħareġ mandat. Kif diga` osservat, skont il-liġi f'proċess ġudizzjarju għandha titressaq l-aħjar prova. Alternattivament niġu f'sitwazzjoni fejn persuna tista' tgħid li trid mingħajr l-obbligu li tissostanzja dak li tgħid. Il-mandat hu l-aħjar prova li bih ix-xhud Joseph Bugeja jissostanzja dak li xehed. Dan wara li kien hu stess li xehed li inħareġ mandat kontra r-rikorrent. Fiċ-ċirkostanzi ma jistax issa l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` wara li xehed li l- interċettazzjonijiet saru wara li nħareġ mandat, jinqeda bid-dispożizzjonijiet tal-liġi sabiex jevita milli jressaq l-aħjar prova li dak li sar hu skont il-liġi.*
>
> *37. Ovvjament jekk l-intimat jonqos milli jippreżenta l-mandat relattiv bir-rekwiżiti kollha li trid il-liġi, ikun ifisser li ma ġabx il-prova li l-*

> *interċettazzjoni saret skont il-liġi, bil-konsegwenzi kollha li tali nuqqas jista' jġib miegħu".*

4. L-appell sar minn digriet tal-ewwel Qorti li ċaħdet it-talba tar-rikorrent sabiex tordna lill-KSS jippreżenta l-mandat li rrefera għalih meta xehed fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2020. It-tweġiba tal-intimati kienet fis-sens li l-liġi tipprojbixxi l-esebizzjoni tal-mandat u li lanqas fuq ordni tal-Qorti ma jistgħu jiġu ppreżentati (ara fol. 278).

5. Minkejja dik id-dikjarazzjoni ċara ta' din il-Qorti, il-KSS baqa' ma bidilx il-pożizzjoni li ħa dwar it-talba tar-rikorrent. Li l-appellant KSS jgħid li kien dmir tal-ewwel Qorti li tordnalu li jippreżenta l-mandat, hu skorrett. In-nuqqas kien tiegħu ġialadarba kien hu li xehed li l-interċetazzjonijiet saru b'mandat maħruġ kif trid il-liġi. Il-KSS ma jistax jinħeba wara l-Art. 18 tal-Kap. 391 meta kien hu stess li fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2020 żvela li fi Frar 2017 inħareġ mandat kontra r-rikorrent wara talba tal-Kummissarju tal-Pulizija. Inoltre, quddiem l-ewwel Qorti fl-ebda ħin ma ddikjara li kien dispost jippreżenta l-mandat f'każ li jkun hemm ordni tal-Qorti.

6. Madankollu, fl-istadju tal-appell il-KSS biddel ir-rotta u issa qal li ser jippreżenta l-mandat jekk ikun hemm ordni tal-Qorti. Dik fiha nnifisha hi obbligazzjoni tal-KSS li ser jippreżenta l-mandat.

7. F'dan il-każ il-Qorti hi sodisfatta mill-utilita` li jkollha quddiemha l-mandat sabiex tkun f'pożizzjoni li tiddeċiedi l-appelli li ppreżentaw il-partijiet. Il-vertenza bejn il-partijiet tinkludi kwistjoni dwar jekk kien hemm vjolazzjoni tal-jedd fundamentali protett taħt Art. 8 tal-Konvenzjoni, ġialadarba r-rikorrent isostni li l-interċettazzjonijiet ma sarux skont il-liġi ordinarja. Sabiex interċettazzjonijiet ikunu skont il-liġi jeħtieġ li jsiru bis-saħħa ta' mandat li jinħareġ taħt l-Att dwar is-Servizz ta' Sigurta` (Kap. 391) u li jista' jiġi prorogat. Illum hemm xhieda tal-KSS li kollox sar skont il-liġi, pero` d-dokumenti mhumiex fl-atti. Għalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-mandat hu dokument kruċjali sabiex jiġi determinat jekk dak li sar kienx skont il-liġi, kif sal-lum għadhom qegħdin isostnu l-awtoritajiet.

Għal dawn il-motivi f'dan l-istadju tissospendi l-għoti tas-sentenza u tordna lill-KSS sabiex fi żmien sebat ijiem millum jippreżenta:

i. Il-mandat maħruġ mill-Ministru responsabbli għas-Servizz tas-Sigurta` fil-konfront tar-rikorrent, u li l-KSS qal li nħareġ fi Frar 2017, inkluż kull tibdil li seta' sar fil-mandat fil-perjodu li kien għadu fis-seħħ;

ii. *Kwalsiasi* proroga tal-mandat;

Tordna li dawn id-dokumenti jiġu ppreżentati f'*envelope* ssiġġillat u jkunu jistgħu jarawhom il-partijiet u l-avukati difensuri tagħhom f'din il-kawża

waqt is-seduti quddiem din il-Qorti. Kopja tad-dokumenti m'għandhomx isiru.

Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħarraf lill-Qorti mal-preżentata tad-dokumenti. Tirriżerva li tagħti kull ordni li tqis li hi meħtieġa fir-rigward tal-istess dokumenti.

Spejjeż a karigu tal-appellant Kap tas-Servizz tas-Sigurta`.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm